MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 326/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Russell Bugeja**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (fis-7 ta’ Mejju 2002) kontra Russell Bugeja, bin Vincent u Pamela nee` Kemp, imwieled fil-11 ta’ Ottubru 1974, detentur tal-Karta ta’ Identita` numru 477974(M), talli f’dawn il-Gzejjer, fid-29 ta’ Jannar 1999 u matul l-erba’ xhur immedjatament precedenti din id-data (**1**) ittraffika d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, (**2**) kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi, (**3**) kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, (**4**) kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika bi ksur tal-ligi, u (**5**) ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, klabb jew centru taz-

zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Settembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Russell Bugeja hati skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet (bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda) izda ma sabitux hati tar-raba' imputazzjoni u minnha lliberatu; kwantu ghall-piena dik il-qorti qalet hekk:

**"...il-Qorti qieset li dan il-kaz dam minhabba li ma setax jinbeda qabel jispiccaw proceduri ohrajn, li mill-provi jidher li [t-traffikar] sehh darba biss, li l-fedina penali [tal-hati] minn dak in-nhar sal-lum...ma tidhirx li kellha xi zieda ta' reati godda, u li ghaddew aktar minn tmien snin minn meta twettaq ir-reat. Ghal dawn ir-ragunijiet qed tapplika l-*proviso* li dahal fis-sehh bl-Att XVI tas-sena 2006 u qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' tliet mitt lira maltija (Lm300) liema multa tista' tithallas f'pagamenti ta' hamsin lira (Lm50) fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn erba' gimghat mil-lum. Fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament il-bilanc ikun dovut lura f'daqqa. Kull Lm5 mhux imhallsa tinbidel f'jum prigunerija. Ai termini ta' l-Artikolu 533, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-espert li jammontaw ghal Lm26.13 (Dok. MM). M'ghandhomx jithallsu l-ispejjez fid-Dok. MM1 minhabba li l-Qorti lliberat lill-imputat minn din l-imputazzjoni."**

L-ewwel qorti kompliet billi ordnat id-distruzzjoni tad-droga involuta taht is-supervizjaoni tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-3 ta' Ottubru 2007, li permezz tieghu l-imsemmi Avukat Generali talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; rat id-decizjoni preliminari taghha tat-3 ta' Marzu 2008; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

L-Avukat Generali ghandu bazikament zewg aggravji. L-ewwel wiehed huwa li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u kien minhabba f'hekk li hija lliberat lill-appellat Bugeja mir-raba' imputazzjoni. It-tieni aggravju, li jirrigwarda principalment il-piena erogata fir-rigward tar-reati taht il-Kap. 101, hija li dik il-qorti enuncjat u applikat hazin il-ligi meta applikat l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 b'mod li ma tatx il-piena skond il-ligi ghar-reati li taghhom sabet htija skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet. Il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tibda bit-tieni aggravju.

Effettivament il-kwistjoni hawn hi dwar jekk f'dan il-kaz l-ewwel qorti setghetx legalment tapplika l-*proviso* imsemmi fil-paragrafu precedenti. Is-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 imsemmi jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation*. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejh jew traffikar trid <u>dejjem</u> tigi applikata l-piena ta' prigunerija <u>u</u> ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87 (il-minimu jista' jizdied bi grad jekk ikun hemm l-aggravanti tad-distanza). L-ewwel *proviso* ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:

**"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-*Probation*, il-Qorti tkun tal-fehma li <u>l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma'</u>**

**ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba[1], il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.

Issa, ma hemmx dubbju li fil-kaz in dizamina b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' wiehed jitkellem dwar xi forma ta' "sharing". Dak li jiddeskrivi Emmanuel Sank – u li l-ewwel qorti accettatha bhala veritjer – kien traffikar fil-forma klassika tieghu u ma sar, jew kien hemm il-hsieb ta', ebda kunsmar "fl-istess post" u "flimkien ma' ohrajn"; fi kliem iehor ma kien ebda kwistjoni ta' "sharing". Ic-cirkostanzi, sia jekk mehuda individwalment u sia jekk mehuda flimkien, tat-trapass taz-zmien, tal-fatt li t-traffikar kien ta' darba biss u tal-fedina penali relattivament nadifa tal-hati ma humiex wahedhom bizzejjed biex jiggustifikaw

[1] Ara it-tieni *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22: "Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-*proviso* li jigi minnufih qabel dan."

l-applikazzjoni ta' l-imsemmi *proviso*. L-ewwel qorti kienet, ghalhekk, legalment skorretta meta ma applikatx il-piena komminata skond is-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 – piena li f'dan il-kaz neccessarjament trid tizdied bi grad minhabba l-aggravanti tad-distanza. Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-Avukat Generali qed jigi milqugh.

Kwantu ghall-ewwel aggravju – cioe` dwar il-liberazzjoni mir-raba' imputazzjoni – din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli fl-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:
(i) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn applikat l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101;
(ii) tikkonfermaha fil-bqija, inkluza fejn ikkundannat lill-appellat ihallas multa (bil-modalitajiet ta' hlas rateali kif hemm indikat fl-istess sentenza) kif ukoll l-ispejjez peritali; u
(iii) b'zieda ma dik il-multa u dawk l-ispejjez, tikkundannah ukoll ghall-piena ta' seba' xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------